

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Ottubru 2008

li testendi l-perjodu ta' validità tad-Deċiżjoni 2002/887/KE rigward pjanti li huma mċekkna naturalment jew artifiċjalment ta' *Chamaecyparis Spach*, *Juniperus L.* u *Pinus L.*, li joriġinaw fil-Ġappun

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6269)

(2008/826/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri ta' ħarsien kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Id-Deċiżjoni 2002/887/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-ewwel paragrafu u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 2, "l-1 ta' Awwissu 2007 u l-1 ta' Awwissu 2008" jsiru "l-1 ta' Awwissu 2009 u l-1 ta' Awwissu 2010";

Billi:

(2) It-tabella fl-Artikolu 4 tinbidel bit-tabella li ġejja:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/887/KE tat-8 ta' Novembru 2002 li tawtorizza derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE rigward pjanti li huma mċekkna naturalment jew artifiċjalment ta' *Chamaecyparis Spach*, *Juniperus L.* u *Pinus L.*, li joriġinaw fil-Ġappun ⁽²⁾ tawtorizza lill-Istati Membri sabiex jipprevedu derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/29/KE fir-rigward tal-pjanti ta' *Chamaecyparis Spach*, *Juniperus L.* u *Pinus L.*, li joriġinaw fil-Ġappun, għal perjodi limitati u soġġetti għal kondizzjonijiet speċifiċi.

Pjanti	Perjodu
Chamaecyparis:	1.11.2008 sal-31.12.2010
Juniperus:	1.11.2008 sal-31.3.2009, u 1.11.2009 sal-31.3.2010
Pinus:	1.11.2008 sal-31.12.2010

(2) Minħabba li ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-awtorizzazzjoni għadhom japplikaw u m'hemm ebda tagħrif ġdid li jagħti lok għal reviżjoni tal-kondizzjonijiet speċifiċi, l-awtorizzazzjoni għandha tiġi estiża.

(3) Ir-Renju Unit talab estensjoni ta' din id-deroga.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Novembru 2008.

(4) Id-Deċiżjoni 2002/887/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

Magħmula fi Brussell, 30 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
(²) ĠU L 309, 12.11.2002, p. 8.